Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1930/1999/1

**Robert Valvo**

**vs**

**Emanuel Bartolo**

**Il-Qorti;**

## I **Preliminari**

1. Din hija azzjoni intiza biex tirrixxindi bejgh ta’ opra tal-bahar minhabba li l-attur, cioe’ x-xerrej, jallega li l-bejjiegh, cioe’ l-konvenut ikkonsenjalu opra tal-bahar li ma kienitx tal-kwalita’ patwita u ma kienitx skond il-ftehim. L-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili tat sentenza preliminari fil-11 ta’ Ottubru 2001, li biha cahdet eccezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni a bazi tal-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili. Din is-sentenza sejra tigi riportata kollha kemm hi, mhux biss ghaliex fiha hemm recitati it-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, izda wkoll ghaliex fiha riassunt tal-fatti saljenti li taw lok ghall-kawza. Is-sentenza taqra hekk:

“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-2 ta’ Settembru 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li huwa kien xtara minghand il-konvenut “Glastron Boat Model SE 199 Hull No. GLAN 7929K697 equipped with engine 4.3 GS Volvo Penta”; illi l-merkanzija fuq deskritta giet konsenjata lill-attur mhux skond il-kwalita` pattwita u mhux skond il-ftehim; illi l-merkanzija fuq riferita giet konsenjata versu hlas ta’ tmint elef u erba’ mitt liri maltin (LM8,400); illi mitlub li jirrifondi lura lill-attur l-ammont ta’ LM8,400 il-konvenut baqa’ inadempjenti u b’hekk kellha ssir din il-kawza; talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-merkanzija de quo ma kienitx tal-kwalita` pattwita u miftiehma.
2. Tordna r-rexissjoni tal-bejgh fuq imsemmi ghar-ragunijiet fuq indikati.
3. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta’ LM8,400 kif fuq riferit.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fl-1 ta' Frar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti u perneti (***sic*!**) ai termini ta' l-artikolu 1407 tal-Kodici Civili – Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta – stante illi l-azzjoni proposta mill-attur intilfet gheluq is-sentejn minn dakinhar tal-kuntratt, u cioe` fl-24 ta' Mejju 1997.
2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li d-dghajsa de quo ma hiex tal-kwalita` pattwita.

3. Illi l-partijiet permezz ta' Klawzoli numru 6 u 7 ta' l-iskrittura ta' bejgh datata 24 ta' Mejju 1997 eskludew kwalunkwe garanzija dwar il-bejgh de quo, salv dak espress fl-istess klawzola.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument esebit mill-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Frar 2000 ta' din il-Qorti diversament presjeduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghall-provi tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni. Hadet konjizzjoni tal-provi u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'kuntratt tal-24 ta' Mejju 1997 l-attur xtara minghand il-konvenut opra tal-bahar indikata fic-citazzjoni, attrezzata b'magna Volvo Penta ta' 190 horse power. Il-konvenut jirraprezenta s-socjeta' Amerikana Glastron, manifatturi

tal-'boat' filwaqt li l-magna li giet istallata fuq l-istess 'boat' hija manifatturata minn socjeta' ohra u cioe Volvo Penta USA li filjali taghha Volvo Penta – Europe, ghandha r-rapprezentant taghha f'Malta fis-socjeta' RLR Limited.

Il-'boat' giet lesta minn barra izda ghall-fini tal-garanzija fuq il-magna, qabel ma saret il-konsenja lill-attur din l-istess magna giet "commissioned" mis-socjeta' RLR Limited. U wara li l-magna giet certifikata bhala tajba, l-'boat', bil-magna b'kollox giet kkonsenjata lill-attur u saret r-registration of ownership mal-Malta Maritime Authority fir-rigward tal-'boat' u tal-magna, fis-26 ta' Mejju 1997. Din ir-registrazzjoni giet effettwata mill-konvenut.

Sussegwentement u cioe` ghal habta ta' Marzu 1998 irrizulta xi difett fil-magna in kwistjoni u meta sar ir-rapport lill-RLR Limited bhala rapprezentanti tal-'manufacturers ' bl-intervent tal-konvenut, dawn accettaw il-'claim' taht il-garanzija u l-"magna" giet sostitwita. Peress li l-blokka fejn jkun hemm l-engine u serial no. giet mibdula issa bdew jidhru numri ohra.

Gara pero' li din il-magna regghet zviluppat l-istess hsara bhal l-ewwel wahda. Jidher, sew mix-xhieda ta' Philip Galea Souchet tal-RLR Ltd, kif ukoll mir-rapport ta' Reno Spiteri, marine surveyor, li ghamel zewg rapporti fuq dawn il-magni, li din il-hsara, konsistenti f'sadid u 'warping' tal-blokka tal-magna, kien rizultat ta' dhul ta' ilma tal-bahar fil-blokka mill-exhaust system. Dan l-ilma kien jidhol principalment, kif issottomettew dawn iz-zewg xhieda, minhabba li l-magna in kwistjoni kienet tqila wisq ghad-dghajsa li tpoggiet fuqha. B'hekk il-parti ta' wara tad-dghajsa, specjalment meta din tkun mghobbija, tinzel taht il-livell rakkomandat b'rizultat li l-ilma jidhol fis-sistema tal-'exhaust'.

Wara li zviluppat il-hsara fil-blokka li kienet giet rimpjazzata fit-30 ta' Gunju 1998, l-attur talab li tinbidllu l-magna kollha u cioe` bit-'transmissions' u l-'parts' kollha konnessi mal-magna. Jidher li din it-talba giet accettata ghax kif jghid Philip Galea Souchet, is-socjeta' Volvo Penta USA, probabilment ghar-ragunijiet ta' espedjenza

kummercjali billi l-Glastron huma klijenti kbar taghhom, bghatet magna kompluta gdida. F'din l-okkazzjoni, skond l-istess Galea Souchet, l-magna kienet ta' daqs izghar u konsegwentement ta' toqol inferjuri ghall-magna originali. Din il-magna qatt ma giet istallata u ghadha tinsab fl-imhazen tas-socjeta' RLR.

L-attur, billi mhux sodisfatt bl-akkwist tieghu, istitwixxa dawn il-proceduri sabiex jigi rizolt il-bejgh tad-dghajsa in kwistjoni u jinghata lura l-prezz li hallas.

Il-konvenut eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a termini ta' l-artikolu 1407 tal-Kap 16 billi l-azzjoni ma gietx proposta fi zmien sentejn mid-data tal-kuntratt ta' l-akkwist. F'dan ir-rgward gew sottomessi diversi argumenti minhabba sew l-involviment tas-socjeta` RLR Limited kif ukoll minhabba l-fatt li l-magna originali tbidlet wara xi zmien.

Wara ezami akkurat tal-fatti kollha tal-kaz din il-Qorti hija tal-fehem li t-terminu preskrittiv impost fl-artikolu fuq imsemmi ma ghandux japplika ghal kaz sotto ezami. Meta l-attur xtara d-dghajsa bil-magna maghha, ma xtarax d-dghajsa ghaliha u l-magna ghaliha. Il-kuntratt li huwa iffirma mal-konvenut kien jirrigwarda kollox flimkien. Issa meta wiehed jixtri dghajsa jippretendi li dik tkun tajba ghall-iskopijiet li tkun intiza u cioe` li wiehed jaghmel uzu minnha ghad-divertiment tieghu. Il-fatt li l-magna hija difettuza jwassal ghall-konkluzzjoni li d-dghajsa ma tistax tintuza ghall-iskopijiet li kienet intenzjonata billi d-dghajsa minghajr l-magna ma tistax tintuza. Dan ifisser li separatament minn kull kwistjoni dwar l-magna, il-garanzija fuqha jew l-effetti ta' l-artikolu 1407, bejn il-partijiet hemm certament garanzija li ghadha in vigore u cioe` dik ta' hames snin fuq il-boat kif stipulat fil-kuntratt ta' akkwist. Din il-garanzija b'terminu in eccess ghal dak li jinghad fil-ligi nostrana hija effettiva in forza tal-provedimenti ta' l-artikolu 1410 tal-Kap 16 li jghid espressament illi "*il-partijiet jistghu, bi ftehim specjali, izidu jew inaqsu l-effetti ta' din il-garanzija li tigi mil-ligi .....*" Il-partijiet ftehmu li x-xerrej ikun garantit perjodu ta' hames snin fuq il-boat. Din il-garanzija ma ghandhiex tkun

limitata ghas-semplici tiswijiet strutturali izda ghandha ukoll tkopri kull eventwalita` ghal meta l-akkwirent ma jkunx jista’ ghal xi raguni jew ohra mhux imputabbli lilu, jaghmel uzu mill-istess dghajsa. Fil-fehma ta’ din il-Qorti in-non uso tal-boat minhabba nuqqasijiet fil-magna li tifforma parti integrali mill-kuntratt tal-bejgh u tal-istess boat, huwa kopert b’din il-garanzija u konsewgentement it-terminu preskrittiv ghadu ma ddekorriex.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut izda fl-istess hin tissugerixxi lill-partijiet li, in vista tal-fatt li tinsab hawn Malta magna gdida tajba ghall-uzu fuq d-dghajsa in kwistjoni, li dawn jaslu fi ftehim bonarju u b’hekk l-attur jkollu l-godiment tad-dghajsa u jigu evitati hafna spejjez ulterjuri.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.”

**II <u>L-Appell</u>**

2. Il-konvenut hassu aggravat min din is-sentenza u ghalhekk huwa pprezenta rikors tal-appell quddiem dina l-Qorti fis-27 ta’ Dicembru 2001. F’ dan ir-rikors il-konvenut semma l-aggravji tieghu u talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni preliminari msemmija u minflok tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u b’hekk tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

3. Fir-risposta tal-appell tieghu, l-attur talab li din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata billi din hija wahda gusta u timmerita konferma.

**III <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

4. L-attur qieghed jallega f’din il-kawza li ghalkemm il-“hull” tal-“boat” u l-magna stallata fuqha separatament kienu tajbin, pero’ dawn it-tnejn, meta gew kombinati t-tnejn flimkien biex jiffunzjonaw bhala opra tal-bahar, effettivament ma tawx rizultat sodisfacenti. Infatti, l-attur jilmenta li dahal l-ilma fil-magna originarjament istallata

fuq il-boat, u anke wara li din il-magna giet rimpjazzata b'wahda gdida, din it-tieni magna sofriet hsara minhabba l-istess difett. L-attur appellat ressaq bhala xhud tieghu lill-espert ex-parte minnu mqabbad, Reno Spiteri. Skond dan l-espert, id-difett fil-magna kien kawzat minhabba li l-gholi tal-poppa tal-"boat" ma kienx adatt ghal magna stallata fuqha. Huwa jghid li meta l-boat titghabba bin-numru ta' nies li hija intenzjonata li tghabbi, l-istess boat tinzel fl-ilma b'mod li l-kejl rokkamandat bejn il-"waterline" tat-"transom", li kellu jkun ta' mhux anqas minn 14-il pulzier, ma jibqax osservat. Dan kien ifisser li kien isir possibli li l-magna tigbed l-ilma fic-cilindri tramite s-sistema tal-exhaust u b'hekk, dan l-ilma tal-bahar, jikkawza l-hsara li sab l-istess espert. Skond dana l-espert id-difett jista' jigi korrett bl-istallazzjoni ta' "service kit" indikat minnu kif ukoll bl-istallar ta' " riser extensions". Biex isolvu din il-problema, l-manifatturi kienu lesti li jissuplixxu magna lill-attur. Infatti, huma baghtulu magna gdida li pero' kienet izghar minn dik orignarjmanet istallata fuq il-boat biex b'hekk jitnaqqas l-piz. Din il-magna, pero', qatt ma giet istallata fuq il-boat u baqghet fl-imhazen tal-agenti tal-magna. Sar hekk ghaliex l-attur ried li jirrexxendi l-bejgh u jkollu r-rifuzjoni tal-prezz li hallas tal-"boat".

5. Il-konvenut eccepixxa preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-attur ai termini tal-artikolu 1407 tal-Kodici Civili, billi l-konvenut qieghed jallega li l-azzjoni tal-attur ma gietx proposta minnu fi zmien sentejn mid-data tal-kuntratt tal-akkwist. L-ewwel Qorti ma laqghetx l-eccezzjoni ghaliex sostniet li dana l-artikolu ma kienx japplika ghall-kaz in ezami u li minflok kien japplika l-patt kontenut fil-kuntratt tal-akkwist li jistipola garanzija ta' hames snin fuq il-boat. L-ewwel Qorti qalet li din l-garanzija m'ghandhiex tkun limitata ghas-semplici tiswijiet strutturali izda ghandha wkoll tkopri kull eventwalita` bhal meta l-akkwirent ma jkunx jista', ghal xi raguni jew ohra mhux imputabbli lilu, jaghmel uzu mill-istess dghajsa.

6. Fl-appell tieghu l-konvenut qieghed isostni li dana l-artikolu 1407 tal-Kodici Civili kien applikabbli ghal kaz billi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta estendiet il-

garanzija ghal hames snin ghad-difett fil-magna tal-"boat". Huwa jsostni li l-garanzija ta' hames snin inghatat unikament ghal difetti strutturali li jkunu jirrizultaw minhabba materjal jew xoghol difettuz fil-kostruzzjoni tal-"hull" tal-boat. Isostni li l-kuntratt ta' akkwist jaghti garanzija ta' sentejn "in the event of non structural defects in material and workmanship under normal conditions". L-appellant jirreferi ghal diversi klawsoli ohra tal-kuntratt ta' akkwist li fil-fehma tieghu jezimuh mir-responsabilita`. L-appellant sostna illi mill-provi migbura ma jirrizulta l-ebda fatt illi l-"hull" kellha difett strutturali fil-materjal jew fil-"workmanship". Ghalhekk isostni li l-artiklu 1407 tal-Kodici Civili, li jistabilixxi terminu ta' dekadenza ta' sentejn ghall-intavolar tal-azzjoni ghar-rexxissjoni tal-bejgh, huwa applikabbli ghal-kaz odjern u jinsisti li l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' ghaliex l-azzjoni odjerna giet intavolata <u>wara</u> li kien skada it-terminu ta' sentejn mill-akkwist da parti tal-attur tal-"boat" in kwisjtoni.

7. Il-Qorti innotat li l-kuntratt tal-akkwist tal-boat in kwisjtoni esebit bhala dokument A a fol 11, 12 u 13 tal-process jikkontjeni pattijiet dettaljati hafna li jirregolaw il-bejgh u x-xiri tal-"boat" in kwistjoni. Jidher car ghal din il-Qorti li l-partijiet intrabtu b'dawn il-kondizzjonijiet u pattijiet meta ghamlu l-ftehim bejniethom u huma dawn il-pattijiet li ghandhom jirregolaw id-diversi drittjiiet u obbligi rispettivi taghhom. Fil-fehma tal-Qorti, l-artikolu 1407 tal-Kodici Civili ma baqax aplikabbli ghal kaz odjern billi l-partijiet hasbu ghal kondizzjonijiet specifici kif jirrizulta mill-qari akkurat ta' dawn il-klawsoli kontenuti fil-kuntratt imsemmi. Ghalhekk din il-Qorti tikkondevidi dak li qalet l-ewwel Qorti li dana l-artikolu 1407 tal-Kodici Civili m'ghandux japplika ghal kaz in kwistjoni, pero' ma taqbilx mar-raguni li tat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-silta li giet appena citata fil-paragrafu precedenti. Din il-Qorti jidhrilha li, fl-istadju li waslet fih il-kawza, huwa pjuttost prematur li wiehed jippronunzja ruhu, minghajr perizja teknika, dwar il-kwistjoni jekk l-allegat difett fil-"boat" jaqax taht il-garanzija stipulata tal-hames snin jew tas-sentejn. Dana aktar u aktar ghaliex il-konvenut appellant ghamel espressa referenza fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghall-klawzoli 6 u 7 tal-iskrittura tal-bejgh datata 24 ta' Mejju 1997 u

qiehed jeccepixxi li dawn il-klawzoli jeskludu kwalunkwe garanzija dwar il-bejgh de quo, salv f'dak espress fl-istess klawzoli.

8. Illi ghalhekk din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni li l-artikolu 1407 imsemmi tal-Kodici Civili imsemmi fl-ewwel eccezzjoni tal-appellant ma huwiex applikabbli ghall-kaz odjern minhabba li gie rez inapplikabbli bil-pattijiet espressi kontenuti fl-iskrittura tal-bejgh u xiri tal-"boat" in kwistjoni. Ghalhekk, huwa f'dan is-sens biss, li s-sentenza appellata qieghda tigi konfermata.

9. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tichad l-appell, qieghda tikkonferma fis-sens premess is-sentenza appellata li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-appellant u tordna li l-atti jintbaghtu lill-ewwel Onorabbli Qorti biex il-kawza titkompla skond il-ligi. L-ispejjez ta' l-ewwel stanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata waqt li l-ispejjez ta' dina l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep Reg
MG